MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Numru. 338/2001

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
CONRAD PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Conrad Pace ta’ 23 sena bin il-mejjet Joseph u Dorothy, mwielda Attard, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Novembru 1977 u joqghod Block D, Flat 8, Triq Wied Babu, Zurrieq, ID 552177M, talli bejn ix-xhur ta’ Dicembru 2000 u fix-xhur ta’ Jannar 2001, bhala mpjegat mad-ditta maghrufa bhala Dominic Department Stores Limited, li ghandha imhazen taghha gewwa Hal Qormi, u waqt li kien fl-imsemmija mhazen kif wkoll fl-istores tal-istess kumpanija li ghandha gewwa B’Kara, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih is-somma ta’ Lm82.04, jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata

lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga  jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu tal-proprjetarju Dominic Sultana minn Ghawdex.

Talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jw billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm82.04 ghad-dannu ta’ l-istess Domenic Sultana.

Barra minn dan, akkuzat wkoll talli kkommetta l-imsemmija delitti waqt ix-xoghol tal-professjoni tieghu mal-imsemmija ditta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta kwerelanti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-Pulizija rceviet kwerela minghand Dr Michael Grech f’isem is-socjeta’ Dominic Department Stores Limited, fejn talab lill-Kumissarju tal-Pulizija biex jinvestigaw lil certu Conrad Pace li kien approprija ruhu indebitament minn flus u oggetti propjeta’ tal-kumpanija imsemmija.

Illi Spettur Bond, ghaldaqstant, kien kellem lil Dominic Sultana, Direttur tal-Kumpanija imsemmija, u dan kien urieh bil-modus operandi tal-impjegat tieghu Conrad Pace, u cioe’ li kien ibiegh oggetti u japproprija ruhu mill-

flus tal-kumpanija. Infatti kien biegh geyser u xi slielem minghajr ma radd lura l-flus lill-kumpanija.

Illi ghaldaqstant, Dominic Sultana qabbad ‘private investigator’, certu Charles Pisani, sabiex imur jixtri xi oggetti minghand Dominic Department Stores Limited fil-hanut tieghu f’Birkirkara.

Dan Charles Pisani sab lil Conrad Pace, talbu geyser ta’ 50 litru, ftehmu prezz, hallas pero’ ftit wara talbu geyser b’garanzija ta’ hames snin u dana wara li kien gia hallas ghal geyser b’garanzija ta’ sentejn. Ghalhekk marru l-istores f’Hal Qormi. Waqt li kien hemm Charles Pisani talbu wkoll biex jixtri sellum tal-aluminium li kien jiswa Lm41.

Charles Pisani hallas d-differenza bi flus kontanti, u Conrad Pace tefa’ dawn il-flus f’butu.

Charles Pisani mar it-tieni darba fl-istess hanut u rega’ sab lil Conrad Pace u talbu geyser u sellum iehor u dawn il-flus Charles Pisani rega’ ra lil Conrad Pace jitfaghhom fil-but u ma gew b’ebda mod indikati fil-kotba tal-kumpanija u fil-cash register.

Dominic Sultana kien informa lill-Pulizija wkoll illi kien hemm diskrepanzi ohra dwar il-bejgh li kien jsir minn Conrad Pace kif jirrizulta a fol 10 tal-process.

Wara illi Dominic Sultana sar jaf bil-modus operandi ta’ Conrad Pace iddecieda illi jibghat ghalih f’Ghawdex. Infatti Conrad Pace kien telaq Ghawdex u hemmhekk gie rinfaccat minn Dr Michael Grech u l-istess Dominic Sultana li kkonfrontawh b’dak kollu li kien ghamel u bil-rizultanzi ta’ ‘private investigator’ Charles Piasni.

Ghaldaqstant, Conrad Pace kien ghamel skrittura quddiem l-Avukat Michael Gerch fejn kien ammetta li ha xi oggetti ghalih innifsu, li kien approprija ruhu minn xi flejjes, u kien ipprometta illi jaghmel tajjeb ghal dana kollu.

Dawn il-flus pero’ qatt ma thallsu. Ghaldaqstant, l-Avukat Grech kien kiteb lill-Kummisarju tal-Pulizija biex jipprocedi kriminalment kontra Conrad Pace.

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa l-kunsens tal-Avukat Generali u l-fedina penali u diversi dokumenti dok PB1 sa 16.

Dominic Sultana kkonferma x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u kkonferma li huwa l-Managing Director ta’ Dominic Department Stores Limited (DDS). Ikkonferma li Conrad Pace kien impjegat tieghu, is-suspetti tieghu illi l-imputat kien qed jisirqu u x’passi ha biex jiskopri il-veracita’ ta’ dan permezz ta’ ‘private investigator’ Charles Pisani.

Dominic Sultana gie muri u kkonferma diversi dokumenti fosthom ricevuti tal-oggetti mixtrija (dok PB5) minn Charles Pisani u l-garanziji ta zewg geysers (dok PB6). Dok PB7 u dok PB8 u dok PB9 huma s-‘sales reports’ tal-kumpanija, dok PB10 huwa ir-rapport ta’ Charles Pisani ‘private investigator’ dwar Conrad Pace, Dok PB11 sa 13 huma id-‘delivery notes’, Dok PB16 hija dikjarazzjoni ta’ Conrad Pace ffirmata minnu stess u minn Dr Michael Grech datata 13 ta’ Frar 2001, dok PB14 u 15 huma il-‘fiscal receipts’ datati 15 ta’ Dicembru 2000 u 26 ta’ Jannar 2001.

A fol 51 tal-process, Dominic Sultana stqarr illi huwa rrinfacca lill-imputat u r-risposta tal-imputat kienet illi ried jaghtih il-‘credit card’ tieghu biex ihallsu lura biha izda Sultana baqa jinsisti illi kellu jgiblu l-affarijiet li hadlu lura. Minn hemmhekk, Conrad Pace beda jargumenta li seta’ kien haddiehor u fil-fatt qatt ma tah lura l-ebda oggetti jew ghamel xi pagament.

Sultana xehed kif kien baghat ghall-imputat go Ghawdex u fil-presenza tal-Avukat tieghu Dr Michael Grech, u kif l-imputat kellu jaghmel lista tal-affarijiet illi ha u li approprija l-flus tal-bejgh li kien ghamel izda din il-lista qatt ma tfaccat u qatt ma tfaccaw il-flus illi ghalhekk kellu jaghmel denunzja lill-Pulizija.

Xehed kif hu u l-Avukat tieghu u l-imputat ghamlu l-iskrittura, Dominic Sultana xehed bl-aktar mod kategoriku u nnega li zamm lill-imputat  kontra ir-rieda tieghu b'xi mod.

Sultana enfasizza li kien hemm bejn Lm3000 u Lm4000 zbilanc fl-istock illi taghhom il-kumpanija ma rceviet ebda pagament.

Mario Attard, a fol 55 et seq, xehed illi huwa kien il-Manager fil-hanut Dominic Department Stores f'Birkirkara, u ammetta li kellu diversi problemi b'impjegat tal-kumpanija Conrad Pace.

Xehed dwar l-irregolaritajiet li kien ghamel l-imputat u xehed dwar id-diversi drabi fejn il-bejgh li kien jsir mill-imputat u jigi konsenjat minnu, ma kinux jaqblu mal-ammont ta' flus li kien jigbor.

Ikkonferma li dok PB11 u 13 huma ezempju ta' dan in-nuqqas ta' qbil u cioe' fejn l-imputat, wara li ghamel 'delivery note', inizzilha bhala 'cancelled' u ghaldaqstant ma jdahhalx il-bejgh fil-computer, waqt in effett il-bejgh jkun sar u l-imputat jkun dahhal il-flus f'butu.

L-istess kien gara bil-bejgh rappresentant min Dok PB5, PB3 u c-cheque f'ammont ta' Lm215.

David Farrugia, li jahdem ma' Dominic Department Stores fid-data imsemmija fic-citazzjoni, ikkonferma illi kien jkun hemm diskrepanzi u l-bejgh li jingabru xi tlett darbiet fix-xahar.

Xehed wkoll illi ma **kienx hemm** sistema ta' verifika cioe' "reconciliation" , meta l-merkanzija tohrog izda tidhol lura minhabba "cancellation".

PS1298 Zammit ikkonferma l-istqarrija tal-imputat.

Dr Michael Grech, a fol 82, xehed illi l-klijent tieghu, Dominic Sultana kien ikkonsultah dwar suspetti li kellu fuq

impjegat tieghu l-ghaliex  kien qed jsib xi nuqqasijiet fl-istock . Xehed illi l-istess Sultana kien qabbad il-persuna jmur jixtri mill-hanut tieghu u jitlob li jinqeda mill-impjegat li dwaru kellu s-suspett. Din il-persuna kienet fil-fatt ghamel in-negozju, giet rilaxxata ircevuta pero' l-flus qatt ma gew imdahhla fis-sistema tal-accounts tad-ditta.

Dr Grech ikkonferma li Sultana u hu kienu baghtu ghall-imputat Pace. Illi dan il-meeting sehh fl-ufficcju tas-Sur Sultana fejn Conrad Pace kien konfrontat bi provi konkreti. Illi inizjalment, Conrad Pace beda jghid li ma kien mess xejn, izda wara ftit, hu ammetta li kien approprija ruhu mill-valur ta’ geysers u slielem.

Dr Michael Grech xehed fuq il-manjiera ta’ kif ittiehdet l-iskrittura minghand l-imputat, kif l-imputat ikkopera u sahansitra qal li ser jikseb l-informazzjoni biex jara ezattament x’kien ha u ma hax, u li kien ser jaghti din l-informazzjoni lil Dominic Sultana.

Dr Grech xehed illi fl-ebda hin ma zammew lill-imputat kontra r-rieda tieghu, u qal li f’nofs din il-laqgha l-imputat xtaq imur sat-toilet, illi it-toilet kien isfel, u li l-ufficcju ta’ Sultana, fejn saret il-laqgha, f’ebda hin ma kien imsakkar.

Christopher Cassar, Chief Executive mal-Master Electric, xehed illi Dominic Sultana kien klijent tieghu, illi fost id-drabi li kien mar fil-hanut tal-kwerelant, kien hemm darba minnhom fejn ‘invoice’ mahruga mill-imputat li giet ‘cancelled’, izda l-prodotti kienu gew konsenjati u l-flus imhallsa u gharaf u indika lill-imputat prezenti fl-awla.

Charles Pisani ikkonferma x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u ta’ Dominic Sultana u kkonferma li agixxa bhala ‘Privat Investigator’, ikkonferma dok CP, gharaf lill-imputat, u kkonferma kif mar darbtejn biex jixtri minghand l-imputat, gie mghoddi l-oggetti msemmija fix-xhieda tieghu a fol 101 sa fol 105, fol 108 sa 116, u fiz-zewg okkazzjonijiet l-imputat approprija ruhu mill-flus.

L-imputat, a fol 119, xehed illi huwa kien impjegat ma, Dominic Department Stores u kkonferma illi kien dahal

certu Pisani biex jixtri xi oggetti izda qal illi huwa kien ta l-flus ta’ dan in-negozju lil Mario Lee Attard u li sahansitra dan kien tah ircevuta (ara fol 122).

Xehed wkoll illi DDS kellhom proceduri ta’ qbil bejn l-istock u l-cash u spjega din is-sistema.

A fol 125, l-imputat xehed dwar it-tieni darba li kien mar jixtri minn ghandu Pisani waqt li l-imputat kien qieghed fl-istores tal-kumpanija u dwar kif dan Pisani ried jixtri geyser iehor u sellum izda ma xtaqx jitla’ il-hanut ghax kien mghaggel.

L-imputat rega’ tenna illi il-flus min dan il-bejgh huwa kien tahom lil Mario Lee Attard.

L-imputat xehed dwar il-meeting li kellu Ghawdex, u qal li kif dahal l-ufficju, dan l-ufficju gie imsakkar u gie indirizzat bil-“vjolenza” u cioe “b’ghajjat, storbju, theddid u tisbit”.

Xehed illi biex nizel sat-toilet huwa kellu jhalli il-kartiera u ic-cwievet ma’ Sultana u Dr Grech, la seta’ jcempel u “ma stajt naghmel xejn hlief qalli “qabel tammetti li hadt xi affarijiet minn hawn gew, mintix hiereg”.

A fol 129, l-imputat xehed “kienu geghluni niffirma karta”. Xehed li Sultana kien qallu illi huwa kellu xi habib fil-Pulizija u qallu “ li dak inhar stess kien ser jarrestani jekk jien mhux ser nammetti”.

L-imputat sostna illi “kelli niffirma din il-karta biex almenu nigi lura Malta”. Meta hareg mill-ufficcju ta’ Sultana, huwa nizel Malta u mar dritt ghand l-Avukat tieghu u ma marx jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija f’Ghawdex izda ghamel rapport Malta fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq.

Innega li qatt mess xi flus jew ha xi oggetti tal-kumpanija.

Xehed li meta kienu jsibu xi nuqqasijiet il-Manager, David Farrugia, kien jesigi illi l-imputat jhallas dak il-hin stess.

Mistoqsi dwar in-negozju bejnu u bejn Charles Pisani u biex jispjegah l-imputat irrisponda “ Ma niftakarx ezatt x’qal” (ara fol 132).

Meta gie ppressat biex jirrispondi, l-imputat xehed li kien qed jigdeb is-Sur Pisani.

Rinfaccat bix-xhieda tieghu stess fejn l-imputat kien qal li l-flus tan-negozju li sar bejnu u bejn Pisani kienu gew mghoddija lil Mario Lee Attard, l-imputat xehed li “Mario qed jigdeb”.

Mitlub biex jerga’ jispjega il-meeting li sar bejn Sultana u Dr Grech, l-imputat jghid dawn il-precizi kelmiet “bl-ghajjat, skuzi dagha, jidghu it-tnejn, Dominic u l-Avukat Michael Grech jsabbtu mal-mejda; lili personalment ma missewniex, pero’ ghajjat, dagha, tisbit, jhedduk li mill-ufficcju mintix ser tohrog ……. Jekk minix ser niffirma l-karta mill-ufficju miniex ser nohrog”.

Mitlub mill-Qorti jghid jekk fizikament ippruvax johrog mil-kamra, l-imputat jirrispondi fin-negattiv. L-imputat xehed illi kien ghamel rapport bil-kitba lill-Pulizija ta’ Ghawdex. L-imputat esebixxa dokumenti li jidhru a fol 139 a fol 143.

Il-konfront li sar bejn l-imputat, Dominic Sultana u Dr Grech (ara fol 148 sa 158) jitkellem ghalih innifsu.

David Farrugia, a fol 151, xehed illi l-process tal-ordnijiet kien illi is-‘sales man’ relevanti kien jghaddi l-ordnijiet, johrog l-invoice, jigbor u jikkonsenja il-merkanzija li tkun. Xehed wkoll illi mill-istores tal-kumpanija ma kinux jsiru sales u li fl-istores ma kien hemm ebda apparat sabiex jsir xi sales u l-anqas kien hemm telephone.

A fol 157, in kontro ezami, Dominic Sultana xehed illi fl-istores tal-kumpanija ma kienx hemm telephones jew cash registers u li min kellu jibdel xi oggett kellu jmur fil-hanut tal-kumpanija u mhux fl-istore. Stock taking regolari fl-istores ma kienx jsir.

Sultana xehed illi baghat ghall-imputat Ghawdex ghax ried li l-Avukat tieghu jkun presenti.

Sultana kkonferma li hu ma kienx qal lil Pace r-raguni ghaliex ried ikellmu.

Sultana kkonferma illi fl-ebda hin ma nsista mal-imputat biex jiffirma l-iskrittura u li l-meeting dam bejn siegha u siegha u nofs. Illi f'dan il-meeting l-imputat kien ammetta li ha certu affarijiet.

David Farrugia, a fol 166, xehed illi Conrad Pace ma kienx l-uniku persuna li kellu access ghall-istores tal-kumpanija u kellu access id-direttur u Joe Cassar.

Dr Joe Sammut a fol 174, xehed illi pprepara il-kwerela ta' l-imputat Pace u ghaddieha lill-Pulizija. Hu kien perswaz li dak li kien irrakkontalu l-imputat kien veritier.

Ikkonferma illi l-imputat qallu li minn Ghawdex kien baqa gej id-dar tieghu u li kien gie rilaxxat minn Ghawdex biss meta ffirma id-dikjarazzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tal-provi fuq prodotti, huwa evidenti illi l-imputat kien ghamel zmien konsiderevoli japprofitta ruhu mill-merkanzija tal-kumpanija kwerelanti bi-naqra in-naqra u kien rabba certu kunfidenza fil-modus operandi tieghu. Illi l-istess kumpanija ghalhekk qabdet 'private investigator' halli is-suspettat jinqabad f'nassa.

Dan kien ir-rwol ewlieni ta' Charles Pisani u l-imputat inqabad helu helu.

Infatti kkopera mal-employer tieghu u l-Avukat tal-kumpanija, ammetta li kien ha ammont ta' oggetti u li approprija ruhu minn flejjes tal-kumpanija (ara dok PB16).

Infatti ntlahaq ftehim illi l-imputat kellu jaghmel inventarju tal-oggetti li ha u l-ammont ta' flus li approprija ruhu minnhom u jhallas lill-kwerelant.

Illi din il-Qorti temmen illi kien biss wara li ammetta dak li ghamel illi l-imputat beda jibza' mill-konsegwenza ta' dana kollu u mar dritt ghal l-Avukat b'storja ta' minacci u detenzjoni llegali.

Din il-Qorti semghet lill Dr Michael Grech u lil Sultana, u semghet lill-imputat jiddeponi quddiemha.

Il-verzjoni tal-ewwel tnejn kienet preciza, dettaljata, waqt li dik tal-imputat kienet imzewqa b'tant inkonsistenzi illi kienet kwazi inkoerenti (ara ix-xhieda tal-imputat in kontro ezami a fol 132 u 133).

Illi l-konfront bejniethom imbaghad jitkellem wahdu.

Din il-Qorti fil-konfront bejn l-imputat semghet lil Dr Grech jghid:-
"Jiena gie riferut lili u is-Sur Pace qieghed jghid li b'xi mod xi hadd sakkru hemm gew. Dan assolutament neskludieh. Kieku kien hemm xi dubju li xi hadd sakkar il-bieb, zgur li jiena ma kontx ser noqghod hemm gew, zgur" (ara fol 149)

Dr Michael Grech fl-istess konfront rega' tenna li l-imputat thalla jmur it-toilet u ma gie akkompanjat minn ebda persuna.

Xhed illi l-uniku ansieta li kellu l-imputat kien li Sultana ma jirraportax lill-Pulizija.

Dr Grech xehed li Sultana fil-presenza tieghu kien qallu li jekk irodd lura dak li ha l-istordja tispicca hemm. Dan ma sarx mill-imputat u ghalhekk Sultana gie kostrett jaghmel rapport.

Fl-istess konfront Sultana xehed illi l-ufficcju tieghu l-anqas biss ma jissakkar minn gewwa, izda hu sliding door u jissakkar biss minn barra! (ara fol 151).

**Illi finalment a fol 152 l-imputat ammetta illi l-bieb ma kienx imsakkar izda kien maghluq.**

Illi l-imputat huwa mixli li approprija ruhu indebita.

Illi l-Art 293 tal-kap 9 jipprovdi:
“Kull min japproprija ruhu, billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat, jehel, …………………………………

Izda ebda procediment kriminali ma jista jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti.”

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ezaminat dak ritenut fis-sentenza tal-Appell Kriminali, Pulizija vs Dr Borg Cole, deciza fit-23 ta’ Dicembru 2003 fejn gie ritenut illi:
“Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta’ flus li jkunu jinzammu minn xi hadd biex dawk eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non restituzzjoni taghhom tista tammonta ghal approprijazzjoni in debita”.

In fatti Luigi Majno fil-Commando al codici Penale Italiano UTEJ 1922 Vol IV para 1951 pg 105 jghid:-
“Trattandosi di somme di denaro, l’accertamento della conversione puo presentare in pratica qualche difficolta; la negate restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e certament una forma di consumazione; ma la consumazione puo risalire anche a prima della negate restituzione, ove si pongano in essere tali atti che domostrino la intenzione di approriarsi la cosa altrui – come l’impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario….

Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e (come nel furto e nella truffa) l’animo di lucro” (ibid afol 106 para 1953).

Illi fil-kaz in ezami hemm provi sgjaccanti illi l-imputat approprija ruhu mhux biss minn flus tal-kumpanija izda wkoll ta’ diversi oggetti formanti parti mill-merkanzija tad-ditta.

Illi ghajr li l-imputat wera l-proceduri ta’ tpartit li kienet tadopera l-kumpanija, ma gab ebda xrara ta’ evidenza biex jirribatti l-akkuzi u l-provi maghmula minn Sultana, Cassar u Pisani.

L-uniku “smoke screen” li attenta jaghmel l-imputat hu li pprova jbengel l-ammissjoni illi ghamel quddiem Dr. Grech u Sultana billi jallega coerzioni.

Din ma hi xejn hlief mezz pwerili sabiex l-imputat jahbi htijietu.

Illi ghalhekk r-rekwisiti kollha tar-reat kontemplat taht l-Aritklu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jissussistu skond il-ligi.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza ta’ approprejazzjoni indebita, u wara li rat Artiklu 293, 28A tal-Kap 9 tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin waqt li ssibu mhux hati tat-tieni akkuza sussidjarja ta’ truffa u tilliberah minnha. Tidderigi inoltre lill-imputat jhallas is-somma ta’ Lm82.04 bhala restituzzjoni  taht Art 28H tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------